Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/364

20.2.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/364

tad-19 ta' Frar 2026

li tirrikonoxxi li r-rapport ippreżentat min-Netherlands skont l-Artikolu 31(2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fih data preċiża għall-finijiet tal-kejl tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-qamħ tax-xitwa, tal-pitrava ħelwa, tal-ħbub tal-qamħirrum u tal-lift tax-xitwa f'dak l-Istat Membru

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 teżiġi li l-bijokarburanti, il-bijolikwidi, u l-karburanti mill-bijomassa jiffrankaw emissjonijiet sinifikanti tal-gassijiet serra meta mqabbla mal-karburanti fossili biex ikunu jistgħu jingħaddu ħalli jintlaħqu l-miri stabbiliti f'dik id-Direttiva. Għal dak il-fini, l-Artikolu 29(10) ta' dik id-Direttiva jistabbilixxi livelli limitu speċifiċi tal-iffrankar tal-emissjonijiet għal dawk il-karburanti, u l-Artikolu 31 jirregola kif irid jiġi kkalkulat l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-użu tagħhom. Meta jsiru dawk il-kalkoli, jistgħu jintużaw il-valuri prestabbiliti fl-Annessi V u VI tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Minflok il-valuri prestabbiliti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tal-materja prima agrikola, jistgħu jintużaw il-valuri tipiċi f'ċerti kundizzjonijiet. Dawk il-valuri tipiċi, li jirrappreżentaw il-valur medju f'żona speċifika, jistgħu jiġu rrappurtati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri jew mill-pajjiżi terzi. Il-valuri tipiċi jistgħu jintużaw biss jekk il-Kummissjoni tirrikonoxxihom bħala akkurati.

(2) L-Artikolu 31(2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jippermetti lill-Istati Membri jippreżentaw rapporti lill-Kummissjoni li jinkludu tagħrif dwar l-emissjonijiet tipiċi tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni ta' materja prima agrikola taż-żoni fit-territorju tagħhom ikklassifikati bħala livell 2 fin-nomenklatura tal-unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) jew bħala livell NUTS iktar diżaggregat, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(3) Fit-2 ta' Lulju 2025, in-Netherlands ippreżentaw ir-rapport finali lill-Kummissjoni b'data preċiża għall-fini biex jitkejlu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-qamħ tax-xitwa, tal-pitrava ħelwa, tal-ħbub tal-qamħirrum u tal-lift tax-xitwa fiż-żoni fit-territorju tagħhom ikklassifikati bħala livell 2 fin-NUTS. In-Netherlands talbu li d-data tiġi rikonoxxuta bħala preċiża f'konformità mal-Artikolu 31(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

(4) Il-Kummissjoni vvalutat ir-rapport u sabet li fih data preċiża għall-fini biex jitkejlu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-qamħ tax-xitwa, tal-pitrava ħelwa, tal-ħbub tal-qamħirrum u tal-lift tax-xitwa tipikament prodotti fir-reġjuni NUTS 2 fin-Netherlands.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti, il-Bijolikwidi u l-Karburanti mill-Bijomassa,

([1]) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/oj.
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1059/oj).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rapport ippreżentat min-Netherlands fit-2 ta' Lulju 2025 għar-rikonoxximent tal-Kummissjoni fih data preċiża għall-fini biex jitkejlu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni tal-qamħ tax-xitwa, tal-pitrava ħelwa, tal-ħbub tal-qamħirrum u tal-lift tax-xitwa tipikament prodotti fir-reġjuni NUTS 2 fin-Netherlands. Is-sommarju tad-data tar-rapport huwa stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Jekk id-data li hemm fir-rapport, kif ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2025 għar-rikonoxximent tal-Kummissjoni, tinbidel b'mod li jaf jaffettwa l-akkuratezza tad-data u b'hekk il-bażi ta' din id-Deċiżjoni, in-Netherlands għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'tali bidliet minnufih. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-bidliet innotifikati biex tiddetermina jekk ir-rapport ikunx għadu jipprovdi d-data akkurata li għaliha huwa rikonoxxut.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tieqaf tapplika fit-12 ta' Marzu 2031.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Frar 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tal-qamħ tax-xitwa fin-Netherlands (CO_2-eq/kg ta' materja niexfa tal-qamħ tax-xitwa)

Kodiċi NUTS2	Reġjun NUTS2 (2024)	N_2O fil-ħamrija		Integrat			Użu tal-fjuwil	Żerriegħa	Total
		Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni	Pestiċida			
NL11	Groningen	169,3	35,2	81,3	15,7	5,1	62,6	6,89	376,1
NL12	Friesland	170,0	34,3	81,2	15,5	4,9	61,4	6,80	374,1
NL13	Drenthe	111,6	15,4	60,4	13,8	7,1	60,7	6,17	275,3
NL21	Overijssel	137,8	29,0	72,6	15,9	7,5	68,4	6,85	338,1
NL22	Gelderland	176,9	39,4	85,3	15,9	5,5	65,3	6,21	394,5
NL23	Flevoland	153,8	29,7	76,3	15,6	4,6	58,1	5,48	343,6
NL32	Noord-Holland	166,1	34,2	82,6	16,9	5,0	63,0	6,97	374,8
NL34	Zeeland	168,7	34,7	78,3	14,5	4,7	59,5	5,61	366,1
NL35	Utrecht	168,5	37,7	81,9	15,7	5,8	65,4	6,29	381,4
NL36	Zuid-Holland	154,2	30,0	76,7	15,7	4,6	58,3	5,49	345,0
NL41	Noord-Brabant	164,9	34,9	77,7	14,1	5,1	60,3	5,76	362,8
NL42	Limburg	132,6	22,6	59,7	10,9	6,2	57,0	5,70	294,7

Emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tal-pitrava ħelwa fin-Netherlands (CO_2-eq/kg ta' materja niexfa tal-pitrava ħelwa)

Kodiċi NUTS2	Reġjun NUTS2 (2024)	N_2O fil-ħamrija		Integrat			Użu tal-fjuwil	Żerriegħa	Total
		Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni	Pestiċida			
NL11	Groningen	62,6	11,6	27,0	3,2	3,4	33,2	0,44	141,5
NL12	Friesland	52,9	7,7	22,0	4,2	2,9	31,7	0,41	121,9
NL13	Drenthe	73,3	16,7	32,6	2,3	4,0	34,4	0,46	163,8
NL21	Overijssel	71,7	16,1	19,3	2,2	3,9	34,1	0,45	147,8
NL22	Gelderland	60,5	10,8	20,5	3,8	3,3	33,9	0,44	133,4
NL23	Flevoland	43,8	5,4	16,0	3,6	2,4	26,8	0,35	98,4
NL32	Noord-Holland	48,7	6,7	20,2	3,7	2,7	28,9	0,38	111,3
NL34	Zeeland	49,7	7,2	18,1	4,1	2,7	30,2	0,39	112,6
NL35	Utrecht	58,8	9,9	20,7	4,2	3,2	34,1	0,45	131,3
NL36	Zuid-Holland	48,0	6,6	17,7	4,0	2,6	29,4	0,38	108,6
NL41	Noord-Brabant	56,7	9,5	16,4	2,4	3,2	30,9	0,41	119,7
NL42	Limburg	62,7	11,3	15,6	3,0	3,6	32,3	0,43	129,1

Emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tal-ħbub tal-qamħirrum fin-Netherlands (CO_2-eq/kg ta' materja niexfa tal-ħbub tal-qamħirrum)

Kodiċi NUTS2	Reġjun NUTS2 (2024)	N_2O fil-ħamrija		Integrat			Użu tal-fjuwil	Żerriegħa	Total
		Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni	Pestiċida			
NL11	Groningen	168,6	29,5	46,4	4,9	2,0	69,7	1,17	322,3
NL12	Friesland	189,1	36,5	53,6	4,8	2,2	77,1	1,30	364,6
NL13	Drenthe	167,8	29,7	44,5	5,6	2,0	70,5	1,19	321,3
NL21	Overijssel	154,4	24,5	41,4	4,5	1,9	64,6	1,09	292,4
NL22	Gelderland	170,9	30,9	49,8	7,0	2,0	69,2	1,16	331,0
NL23	Flevoland	190,4	31,7	62,6	7,5	2,1	71,3	1,20	366,7
NL32	Noord-Holland	176,4	28,8	56,2	6,2	1,9	67,4	1,13	338,0
NL34	Zeeland	179,5	31,2	56,6	6,1	2,0	68,9	1,16	345,5
NL35	Utrecht	165,5	28,4	48,5	3,8	1,9	66,6	1,12	315,8
NL36	Zuid-Holland	182,6	29,6	60,2	7,2	2,0	68,4	1,15	351,1
NL41	Noord-Brabant	147,7	19,7	35,4	7,9	1,9	64,9	1,09	278,6
NL42	Limburg	179,0	31,6	47,2	8,1	2,2	75,9	1,28	345,1

Emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-kultivazzjoni tal-lift tax-xitwa fin-Netherlands (CO_2-eq/kg ta' materja niexfa tal-lift tax-xitwa)

Kodiċi NUTS2	Reġjun NUTS2 (2024)	N_2O fil-ħamrija		Integrat			Użu tal-fjuwil	Żerriegħa	Total
		Dirett	Indirett	Fertilizzant	Newtralizzazzjoni	Pestiċida			
NL11	Groningen	288,3	55,5	152,1	37,8	5,7	129,9	0,68	670,0
NL12	Friesland	276,5	49,0	146,2	36,4	5,4	124,5	0,65	638,5
NL13	Drenthe	274,3	66,8	139,9	34,2	5,7	130,0	0,68	651,5
NL21	Overijssel	327,6	95,1	168,5	41,2	6,7	152,8	0,81	792,8
NL22	Gelderland	367,2	98,9	195,7	47,6	7,3	165,7	0,88	883,3
NL23	Flevoland	367,9	86,6	193,1	48,4	7,2	163,3	0,87	867,4
NL32	Noord-Holland	386,9	92,7	203,5	50,9	7,6	171,4	0,91	913,9
NL34	Zeeland	370,5	89,2	195,0	48,8	7,3	164,4	0,87	876,0
NL35	Utrecht	397,5	98,5	213,6	52,3	7,8	176,0	0,94	946,6
NL36	Zuid-Holland	382,9	92,7	201,6	50,4	7,5	169,6	0,90	905,7
NL41	Noord-Brabant	297,5	67,0	153,6	36,8	6,2	141,4	0,74	703,3
NL42	Limburg	273,9	58,1	134,2	31,6	6,1	138,5	0,73	643,1